# It-Talba tas-Sliema u l-Qaddisa



# X'inhu t-talb?

- Jiena nitlob meta nitkellem ma' Alla.
- Nista' nitkellem ma' Alla meta nkun waħdi jew mal-oħrajn.
- It-talb jista' jsir kullimkien, bħal per ezempju:
    - id-dar
    - l-iskola
    - fil-Knisja
    - fil-kampanja
    - il-bandli



# Għaliex nitolbu?

- Aħna nitolbu biex:
  - nitkellmu ma' Alla li huwa Missierna u l-ħabib tagħna
  - nirringrazzjaw lil Alla jew biex niskużaw ruħna ma' Alla
  - nuru lil Alla jekk aħnix kuntenti jew imdejqa
- Kont taf li nistgħu nitolbu lil ħaddieħor biex jitlob lil Alla għalina?
- Prova aqta' lil min nistgħu nitolbu!



# Lil min nistgħu nitlobu?

- Aħna nistgħu nitolbu lil:
  - Alla li huwa Missierna
  - Ġesù, li huwa l-Iben ta' Alla
  - l-Ispirtu s-Santu
  - Marija, Omm Ġesù, biex titlob lil Alla għalina
  - Anġli u qaddisin, biex jitolbu lil Alla għalina
- Hemm talba ddedikata lil Marija biex aħna nkunu nistgħu nitkellmu magħha bħala Omm Ġesù u bħala Ommna.
- Din hija **t-Talba tas-Sliema u l-Qaddisa**.



# Dwar it-Talba tas-Sliema u l-Qaddisa...



- Din it-talba tgħallimna li:
  - Marija hija omm Ġesù
  - Marija hija omm Alla għaliex Ġesù huwa Alla.
  - Marija tieħu ħsiebna għaliex hi titlob għalina lil Alla

# Kont taf li din it-talba fiha żewġ konverżazzjonijiet?

- Waħda bejn Marija u l-Anġlu Gabrijel ("Sliema għalik Marija, bil-grazzja mimlija.....")



- Waħda bejn Marija u l-kuġina tagħha Eliżabetta ("Imbierka inti fost in-nisa......")



Nitgħallmu flimkien kif nitolbu t-Talba tas-Sliema u l-Qaddisa!





Sliema għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek.

# Imbierka inti fost in-nisa,





u mbierek

il-frott

tal-ġuf tiegħek

Ġesú.

Qaddisa Marija
omm Alla,



itlob għalina midinbin,





issa u fis-siegħa
tal-mewt tagħna.
Ammen.

Proset!

Ommna Marija tassew ferħana bina!

